



Helsinki, it-12 ta' Novembru 2010
MB/29/2010/D finali

DEĊIŻJONI DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TA' SERVIZZI BI ĦLAS

(Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija)

DEĊIŻJONI DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TA' SERVIZZI BI ĦLAS

IL-BORD TAT-TMEXXIJA TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 74(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 tas-16 ta' April 2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), u b'mod partikolari l-Premessa 11, l-Artikoli 11, 13(4) u 22(1) tiegħu,

Billi

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") tista' tiġbor ħlasijiet għal servizzi oħrajn minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
2. Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 huwa l-Bord tat-Tmexxija, wara opinjoni favorevoli mill-Kummissjoni, li jadotta l-klassifikazzjoni ta' dawn is-servizzi u l-ħlasijiet.
3. Fejn persuna fiżika jew ġuridika li tiddikjara li hija intitolata għal tnaqqis jew għal tneħħija tal-obbligu ta' ħlas skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 iżda ma tkunx tista' turi li hija intitolata għal tali tnaqqis jew tneħħija tal-obbligu, l-Aġenzija għandha timponi spiża amministrattiva flimkien mal-ħlas jew l-ispiża ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 340/2008.
4. Fejn persuna fiżika jew ġuridika li ddikjarat li hija intitolata għal tnaqqis diġà wettqet pagament imnaqqas jew spiża mnaqqsa skont tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, iżda ma tistax turi li hija intitolata għal tnaqqis bħal dan, l-Aġenzija għandha timponi spiża amministrattiva flimkien mal-ħlas jew l-ispiża ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 340/2008.
5. Ħlas amministrattiv differenzjat għandu jkun applikat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fit-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji.
6. Inħasset il-ħtieġa li jiġu pprovduti servizzi lir-reġistranti, lill-applikanti għall-awtorizzazzjoni u partijiet oħrajn li jissottomettu dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, sabiex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni tad-dossier tagħhom. L-Aġenzija għandha titlob ħlas għal dawn is-servizzi, sabiex tkopri l-ispejjeż li jinħolqu mill-kompiti mhux koperti mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
7. Il-livell ta' ħlasijiet għal servizzi pprovduti mill-Aġenzija għandhom jiġu ffixxati biex ikopru l-ispejjeż tal-Aġenzija.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun jista' jirrive di dawn il-ħlasijiet b'referenza għar-rata ta' inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet għall-Konsumatur kif ippubblikat mill-Eurostat skont ir-Regolament (KE) Nru 2494/95.

Wara opinjoni favorevoli mill-Kummissjoni (C/2010/7295 tas-27.10.2010),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Definizzjonijiet

1. "Ħlas għas-servizzi" għandu jfisser ħlasijiet għal servizzi amministrattivi u tekniċi li mhumiex elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 340/2008 u li huma kklassifikati f'din id-deċiżjoni.
2. "Ħlas amministrattiv" għandu jfisser ħlasijiet skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 li huma kklassifikati f'din id-deċiżjoni.

Artikolu 2
Ħlasijiet amministrattivi

L-Aġenzija Ewropea għandha tiġbor ħlas amministrattiv skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 fil-każijiet li ġejjin:

- Fejn persuna fiżika jew ġuridika li tiddikjara li hija intitolata għal tnaqqis jew għal tneħħija tal-obbligu ta' ħlas skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ma tkunx tista' turi li hija intitolata għal tali tnaqqis jew tneħħija .
- Fejn persuna fiżika jew ġuridika li ddikjarat li hija intitolata għal tnaqqis diġà wettqet pagament imnaqqas jew spiża mnaqqsa skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008, iżda ma tistax turi li hija intitolata għal tnaqqis bħal dan.

Artikolu 3
Ħlasijiet ta' servizz

1. Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008, l-Aġenzija għandha tiġbor ħlas meta, fuq talba ta' parti li tissottometti dossier skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ttiprovdi servizz li mhuwiex previst fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jiffaċilita s-sottomissjoni tad-dossier.
2. Meta jintalab servizz imsemmi fil-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tikkomunika li min jagħmel it-talba l-ammont massimu li se jiġi ffatturat. L-Aġenzija tista' tagħti s-servizz mitlub meta taċċetta dan l-ammont massimu.

Artikolu 4
Skala ta' ħlasijiet

1. Tabella 1 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-iskala tal-klassifikazzjoni tal-ħlasijiet amministrattivi msemmijin fl-Artikolu 2. Meta l-kumpanija kkonċernata hija ta' daqs żgħir jew medju, l-Aġenzija għandha tiġbor ħlas imnaqqas, kif stabbilit fit-Tabella 1. Fil-każ li l-Aġenzija ma tirċievi, wara talba tagħha, l-ebda evidenza rilevanti mill-kumpanija dwar id-daqs tagħha, l-iskala ta' dan il-ħlas tista', madankollu, tiġi stabbilita fil-livell ta' kumpanija kbira.
2. It-Tabella 2 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-iskala tal-klassifikazzjoni tal-ħlasijiet ta' servizz msemmijin fl-Artikolu 3. Il-ħlas għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' rata ta' kuljum tal-minimu tal-Aġenzija li hu 0,5 jum ta' xogħol.
3. L-iskala ta' ħlasijiet tista' tiġi aġġornata b'deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, bl-użu bħala rata ta' referenza r-rata ta' inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet għall-Konsumatur kif ippubblikat mill-Eurostat bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.

Artikolu 5
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 6
Pubblikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-Aġenzija.

Helsinki, it-12 ta' Novembru 2010,

Għall-Bord tat-Tmexxija
Il-President

(iffirmata)

Thomas JAKL

(firma elettronika)

Skala ta' ħlasijiet*Tabella 1***Ħlasijiet amministrattivi msemmin fl-Artikolu 2**

Daqs tal-kumpanija	Ħlas amministrattiv (EUR)
Kbira (mhux SME)	20 700
Medja	14 500
Żgħira	8 300
Mikro	2 070

*Tabella 2***Ħlasijiet ta' servizz msemmin fl-Artikolu 3**

Ir-rata ta' kuljum li għandha tintuża għall-kalkolu tal-ħlasijiet ta' servizz għandha tkun EUR 890.